**QORTI CIVILI**
**PRIM'AWLA**
**ONOR IMHALLEF ANNA FELICE**

**Illum 01 ta' Frar, 2023**

**Rikors Guramentat Nru: 847/2022 AF**

**Mario Vassallo u Josette Joan Vassallo**

**vs**

**Alessandro *sive* Alex Mercieca**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat ta' Mario Vassallo u Josette Joan Vassallo, li permezz tieghu wara li gie premess illi:

Ir-rikorrenti kienu ffirmaw kuntratt ta' kostituzzjoni ta' debitu in atti tan-Nutar Dorian Sciberras datat nhar is-6 ta' Settembru 2021 (hawn anness u mmarkat bhala Dokument A), li permezz tieghu l-intimat ikkostitwixxa ruhu vera, cert u likwidu debitur tar-rikorrenti fis-somma ta' mija u ghaxart elef Ewro (€110,000).

L-intimat tramite l-avukat tal-fiducja tieghu ghamel pagament wiehed nhar il-25 ta' April tas-sena 2022 fl-ammont ta' erbghin elf Ewro (€40,000) u ghalhekk issa l-bilanc dovut huwa ta' sebghin elf Ewro (€70,000).

Ai termini tal-istess kostituzzjoni ta' debitu citat aktar' il fuq, dan id-debitu kellu jkun saldat entro s-6 ta' Settembru tas-sena 2022.

L-ammont kellu jkun saldat sa mhux iktar tard mis-6 ta' Settembru 2022 izda l-intimat Mercieca ma zammx mat-termini tal-istess kostituzzjoni ta' debitu u l-obbligu kif hemm miftiehem.

Ir-rikorrenti nonostante kollox kemm il-darba ikkomunikaw mal-intimat (tramite l-avukat tal-fiducja tieghi) u dan primarjament sabiex jippruvaw jigbru dak dovut lilhom, izda mhux talli l-intimat ma onorax dak illi kien originarjament pattwit, imma r-rikorrenti spiccaw ikunu prezentati u rinfaccati b'hafna skuzi u weghdiet.

Peress li l-intimat naqas milli jottempora ruhu mal-iskeda tal-hlas tal-istess kuntratt ta' kostituzzjoni ta' debitu, ghalhekk ir-rikorrenti kellhom jintavolaw din l-azzjoni sabiex jithallsu s-somma rimanenti ta' sebghin elf Ewro (€70,000).

Ghalhekk ir-rikorrenti ghandhom id-dritt illi jesigu li jithallsu s-somma ta' sebghin elf Ewro (€70,000) u dan ormai apparti l-imghaxijiet.

Huwa car, u bla ebda ombra ta' dubju, mid-dicitura ta' kuntratt ta' kostituzzjoni ta' debitu ppubblikat in atti tan-Nutar Dorian Sciberras datat nhar is-6 ta' Settembru tas-sena 2021, illi l-intimat huwa debitur tar-rikorrenti, liema dejn huwa wiehed cert likwidu u dovut.

Fl-opinjoni umli tar-rikorrenti, l-intimat Alessandro *sive* Alex Mercieca m'ghandux eccezzjonijiet x'jaghti u ghalhekk il-kawza tista' tigi deciza abbazi tal-artikolu 167 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

Intalbet din il-Qorti sabiex:

1. Taqta' u tiddeciedi l-kawza abbazi tal-artikolu 167 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta u cioè bid-dispensa tas-smiegh.

2. Tiddikjara l-intimat bhala debitur tar-rikorrenti fis-somma ta' sebghin elf Ewro (€70,000) jew somma ohra verjuri li ghandha tigi likwidata minn din l-Onorabbli Qorti.

3. Tiddikjara u tordna l-intimat ihallas lir-rikorrenti dik is-somma hekk likwidata. Kollox skond kif gie dikjarat aktar 'il fuq u ghar-ragunijiet premessi.

Bl-imghax u bl-ispejjez, kollha kontra l-intimat li minn issa jibqa' ingunt ghas-subizzjoni tieghu.

Rat li l-intimat baqa' ma deherx u ma pprezenta ebda nota skond il-ligi.

Rat id-dokumenti annessi.

Semghet lir-rikorrenti.

Fic-cirkostanzi, ghaldaqstant il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi:

1. Tilqa' l-ewwel talba;

2. Tilqa' t-tieni talba kif dedotta;

3. Tilqa' t-tielet talba u tordna lil Alessandro *sive* Alex Mercieca ihallas lil Mario Vassallo u Josette Joan Vassallo is-somma ta' sebghin elf Ewro (€70,000), bl-ispejjez u imghaxijiet kif mitluba fir-rikors promotur.

L-ispejjez tal-kawza jithallsu minn Alessandro *sive* Alex Mercieca.

IMHALLEF

DEP/REG